

Brussell, 26 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6654/22

LIMITE

MIGR 63
JAI 258
FRONT 78
ASILE 22
VISA 38
HYBRID 19

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna; azzjonijiet li għandhom jittieħdu

Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Frar, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa qabel dwar miżuri restrittivi ġodda, adottati formalment dakinhar, li ser ikollhom konsegwenzi massivi u severi għar-Russja bħala riżultat tal-azzjonijiet tagħha, u appella għall-iżvilupp u l-adozzjoni urġenti ta' pakkett ġdid ta' sanzjonijiet individwali u ekonomiċi li jkopri wkoll il-Belarussja.

L-Unjoni Ewropea wriet ukoll solidarjetà mal-Ukrajna u l-poplu tagħha, li qed jirċievu appoġġ politiku, finanzjarju, umanitarju u loġistiku Ewropew.

Fl-aħħar nett, dan l-attakk fuq pajjiż ġar tal-Unjoni Ewropea qed jirriżulta f'wasliet sinifikanti ta' nies f'diversi Stati Membri u jikkonċerna lill-Unjoni kollha kemm hi. Għandu jingħata appoġġ lil dawk l-Istati Membri li jitolbuh, kemm fl-akkoljenza ta' persuni maħruba kif ukoll fil-ġestjoni tal-fruntieri.

F'dawn l-aspetti differenti, ir-rispons kollettiv tal-UE għandu jkun komprensiv, solidali u kkoordinat.

Il-Ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-proposti li ġejjin.

Appoġġ umanitarju

L-Ukrajna diġà talbet l-assistenza tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) fil-15 ta' Frar. L-għajjnuna inizzjali proposta f'dan il-kuntest minn 17-il Stat Membru tikkonsisti prinċipalment f'taġġmir sanitarju u mediku kif ukoll f'kapaċitajiet ta' akkomodazzjoni (tined, kutri, eċċ.). L-Istati Membri kollha huma mitluba jwieġbu bl-aħjar mod li jistgħu għat-talbiet għall-assistenza mill-awtoritajiet Ukreni. Din l-assistenza hija kkoordinata fil-livell Ewropew miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC), biex jiġi żgurat li t-talbiet Ukreni kollha jintlaqgħu malajr kemm jista' jkun.

Minħabba s-sitwazzjoni fuq il-post, jistgħu jinqalgħu diffikultajiet fil-kapaċità tagħna li nittrasportaw dan it-tagħmir lejn l-Ukrajna. Jekk jitqies meħtieġ mill-Istati Membri l-aktar milquta, jista' jiġi stabbilit appoġġ loġistiku.

Il-Moldova wkoll talbet lill-UCPM għall-assistenza rigward l-akkomodazzjoni. Jintlaqgħu wkoll kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri.

Azzjonijiet ta' akkoljenza u solidarjetà

Il-gwerra fl-Ukrajna kkawżat wasliet ta' nies li qed ifittxu rifuġju fl-Unjoni Ewropea. Huwa importanti li dawn il-movimenti migratorji jiġu mmonitorjati mill-qrib. In-Network tal-Blueprint, ikkoordinat mill-Kummissjoni, ġie attivat għal dan il-għan.

Ġew previsti kapaċitajiet ta' akkoljenza f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jmissu mal-Ukrajna. Jista' jingħata appoġġ koordinat mill-Unjoni Ewropea lill-dawk li jitolbuh.

Il-UCPM jista' jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil tista' tipprovdi appoġġ kif xieraq.

Barra minn hekk, ġie ssuġġerit li titqies il-possibbiltà li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja xieraq. Il-Ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-possibbiltà li jiġi stabbilit tali mekkaniżmu biex dawn iċ-ċittadini jintlaqgħu f'kundizzjonijiet tajbin.

Ġestjoni tal-fruntieri esterni u sfidi għas-sigurtà

Jekk il-wasliet ta' persuni jiżdiedu, jista' jiġi offrut appoġġ lill-pajjiżi tal-fruntiera biex ikunu jistgħu jitwettqu kontrolli u reġistrazzjonijiet fil-fruntieri.

F'dan il-każ, l-istrumenti Ewropej jistgħu jiġu mobilizzati biex jikkontribwixxu għal dan, inkluż l-appoġġ tal-Frontex u l-Europol. Il-ħtiġijiet għall-appoġġ tal-Istati Membri jistgħu jiġu kkoordinati fil-livell Ewropew.

Miżuri dwar viżi

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Frar, fil-25 ta' Frar il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar is-sospensjoni parzjali tal-ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi mar-Russja, fis-seħħ mill-2007.

Bħala parti mill-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Ministri huma mistiedna jikkoordinaw il-miżuri nazzjonali tagħhom u b'mod ġenerali l-politika tagħhom dwar il-viżi fir-rigward tar-Russja.

Antiċipazzjoni ta' theddid ibridu

L-esperjenza reċenti wriet li l-atturi ostili għall-Unjoni Ewropea huma lesti li jużaw mezzi ġodda ta' pressjoni (strumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji, theddid ċibernetiku, diżinformazzjoni, eċċ.). L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom ikomplu jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jantici paw u jirrispondu għal theddid bħal dan.

Fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, il-Presidenza tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jirrapportaw dwar il-miżuri preparatorji meħuda fil-livell nazzjonali u dak Ewropew u biex jindikaw il-ħtiġijiet possibbli tagħhom.

Fl-aħħar nett, sabiex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni, jiġu kkoordinati l-miżuri ta' solidarjetà u jiġu involuti l-atturi rilevanti kollha, qed jiġi propost li jiġu attivati l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR). Għalhekk, l-IPCR ser ikun jista' jstabbilixxi pjattaforma ta' solidarjetà fil-fruntieri esterni, li ser ikollha l-għan li tiżgura li jiġu mobilizzati r-riżorsi u l-istrumenti kollha disponibbli mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri.